MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-22 ta' April, 2005

Talba Numru. 715/2005

**Citadel Insurance plc (C21550) kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha Marianne Portelli (ID325356M) u l-istess Marianne Portelli
vs
Andrea De Carlo**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Marzu, 2005, fejn prevja li tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li gara f'National Road, Hamrun, fit-8 ta' Lulju, 2004, li fih kienu nvoluti il-vettura DAA-232 proprjeta` tal-attrici Marianne Portelli, u l-vettura AAC-256 misjuqa mill-konvenut, u dan stante li l-incident sehh unikament minhabba negligenza, traskuragni u nuqqas ta' harsien tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.**

**Intalab li t-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ erba’ mija u disgha u hamsin lira Maltija u disgha u sebghin centezmu (Lm459.79) rapprezentanti danni sofferti u spejjez inkorsi mill-atturi in konnessjoni u bhala kagun tal-incident premess.**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-14 ta’ Jannar, 2005 u ta’ dik prezentata kontestwalment mal-avviz, bl-imghaxijiet legali mid-data tal-ittra ufficjali kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra n-nota prezentata mill-konvenut fl-14 ta’ April, 2005 li biha ammetta t-talbiet attrici.**

**Ghaldaqstant, fuq ammissjoni, it-Tribunal qed jilqa’ t-talba attrici jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident de quo u jikkundannah ihallas lill-atturi s-somma ta’ erba’ mija u disgha u hamsin lira Maltija u disgha u sebghin centezmu (Lm459.79) bl-imghax legali dekoribbli mill-14 ta’ Jannar, 2005.**
**L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-14 ta’ Jannar, 2005 u ta’ dik prezentata kontestwalment mal-avviz, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------